MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Numru. 52/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Fabian Fleri)**

**vs.**

**Robert Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Robert Galea, iben Joseph u Mary Grace nee Dalli, imwieled Pieta nhar it-8 ta' Mejju 1981, residenti numru 4, Triq it-Tramuntana, Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita numru  229581 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Ottubru 2008:

a)  kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano, datata 22 ta’ April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;
Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u li l-fedina penali tieghu hija wahda raffrettarja.

L-imputat diga inghata diversi opportunitajiet minn din il-Qorti, diversament preseduta, biex jirriforma ruhu, inkluz probation order ghal sentejn, u diversi liberazzjonijiet kondizzjonati. Sfortunatament jirrizulta li minkejja dawn l-isforzi u l-opportunitajiet kollha, l-imputat ma tghallem xejn, tant li huwa ikkommetta dan ir-reat, sitt xhur biss wara li kien instab hati minn din il-Qorti, diversament preseduta, ta’ pussess semplici ta’ droga, u gie ikkundannat ihallas multa. U apparti mir-reat odjern, mill-fedina penali aggiornata jirrizulta li wara din is-sentenza l-imputat ikkommetta tlett reati ohra. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat inghata opportunitajiet bizzejjed biex jirriforma ruhu.

In vista tal-fatt li mill-atti ma’ jirrizultax li f’dan il-kaz gew inkorsi spejjez ghal hatra ta’ esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur habs effettivi.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta’ abbuz ta’ droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------